

Brussell, 21 ta' Marzu 2022
(OR. en)

6706/22

UEM 31

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (parti 2) / Kunsill
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni ta' Bank of Greece

1. Skont l-Artikolu 27.1 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) u l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), il-kontijiet tal-BĊE u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom jiġu awditjati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
2. Fis-17 ta' Frar 2022, il-Kunsill Governattiv tal-BĊE rrakkomanda li Ernst & Young (Hellas) Certified Auditors Accountants S.A. jinħatru bħala l-awdituri esterni ta' Bank of Greece għas-snin finanzjarji 2022 sa 2026, bl-opzjoni li l-mandat jiġi estiż għas-snin finanzjarji 2027 u 2028.
3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jista' għalhekk jistieden lill-Kunsill jadotta, bħala punt "A" f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, id-Deċiżjoni rilevanti kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti fid-dokument ST 6707/22.